# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-20 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 28 ta' Marzu 2016 fis-6.10 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**20/01** **Talba**

**20/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.10 p.m. billi ntqalet it-talba.

**20/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 19**

**20/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti Nru 19.

**20/03** **Punti mtella' mill-Minuti 19**

**20/03/01** **Para 19/03/01:** Is-Sindku qal li r-residenta ta Triq San Gwann ghandha tikkonferma jekk tridx il-bollard ghaliex ser tara jekk din tkunx ta' ostaklu biex tidhol fil-garage. Sadanittant ser tiġi ordnata l-bollard ghal Triq San Bartilmew.

**20/03/02** **Para 19/03/04:** Ġie innutat li tlesta x-xogħol ta' resurfacing fi Triq Fra Dumink Mifsud. Għandu jiġi ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill u napplikaw għall-fondi tal-PPP. L-Agent S.E. informa li ma hemmx ghalfejn li timtela c-Change of Architect Form.

**20/03/03** **Para 19/03/07:** Għandu jsir solveljanza aħjar fuq il-knis, speċjalment fuq il-qtugħ tal-ħaxix fit-Toroq Naxxar, Ġnien, Santa Katerina u x-Xwieki. Il-Vici Sindku ressaq ukoll ilmenti ta' residenti li joqghodu fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki peress li hemm bżonn li jsir qtuh ta' haxix. Il-Kunsill qabel li jekk ma jkunx hemm titjib jinhargu Default Notices.

**20/03/04** **Para 19/03/09:** Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtu r-ritratti tal-arloġġi tad-dawl tal-uffiċċju tal-Kunsill u tas-Search Light Battery. Il-Kunsill talab ukoll biex jinqeleb l-arloġġ fuq il-Kunsill.

**20/03/05** **Para 19/03/10:** Kien hemm qbil li ssir il-Bus Bay fi Triq 31 ta' Marzu bi stima ta' 120 Ewro + VAT. Din ser issir fil-parti ta' fuq ta' Triq 31 ta' Marzu.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**20/03/06** **Para 19/03/11:** Il-Kunsill innota li s-Sur Alfred Muscat ħa ħsieb l-attività tal-Kunsill u l-ħarġa ta' San Girgor.

**20/03/07** **Para 19/03/12:** Il-Kunsill ġie nfurmat li ma ntbagħtux l-ittri lir-residenti minħabba li l-GreenMT ikkonfermat li ser tkompli tiġbor l-iskart separat darbtejn fil-ġimgħa għal 4 xhur oħra.

**20/03/08** P**ara 19/03/13:** Il-Kunsill innota li l-iskrivan il-ġdid, is-Sur Pierre Balzia beda xogħol.

**20/03/09** **Para 19/05/04**: Ġie deċiż li teħel it-tabella fi Triq Emmanuel Perren.

**20/03/10** **Para 19/06/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li sar il-ħlas ta' 50% depożitu kif mitlub, imma għadhom iridu jiġu jsewwu l-lift. Sadanittant l-Agent S.E. intalab jiccekkja ghalfejn qedin nintalbu li inhallsu ukoll tas-site visit li saret mill-kuntrattur ladarba hu ser jaghmel ix-xoghol.

**20/03/11** **Para 19/06/05:** Ġie innutat li s-Sindku irrisponda għall-korrispondenza mill-OPM.

**20/03/12** **Para 19/07/01:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proposta għadha pendenti mill-kumpanija**.**

**20/03/13** **Para 19/07/04:** Il-Kunsill innota li t-tabelli u l-mirja proposti, kollha twaħħlu.

**20/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**20/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Ġie deċiż li jiġu vverifikati il-pagamenti 12 u 13 qabel ma jsiru dawn il-pagamenti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-kumplament tal-pagamenti. Ġie deċiż ukoll li jitħallsu l-pagamenti lil Attard Bros Cons għall-ammont 291.11 Ewro għall-materjal mixtri u l-pagament li kien għadu pendenti.

**20/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**20/05/01** 18116088243248 Talba biex tehel mera fil-kantuniera ħiereġ minn Triq San Ġorġ għal Triq Fidiel Zarb. Ġie deċiż li ssir site visit.

**20/05/02** Is-Sur Mark Azzopardi ressaq talba biex jogħlew is-sleeping policemen li hemm fi Triq Fidiel Zarb. Gie deċiż li ssir site visit.

**20/05/03** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li jsiru l-marki mill-ġdid fi Triq Fra Dumink Mifsud. Dawn għandhom isiru fi żmien qasir. Il-Kunsill qabel li fi Triq Fra Dumink Mifsud ma l-area ta'hdejn ir-roundabout isiru biss double yellow lines fil-kantunieri.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

Is-Sur Owen Muscat skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.15pm.

**20/06** ***Korrispondenza***

**20/06/01** Ġiet innutata informative session on Home Fire Safety.

**20/06/02** Kien hemm diskussjoni fuq proposta biex tiġi Mobile Dental Clinic fil-Għargħur fit-18 ta' April 2016. Ġie deċiż li din issir fi Triq San Bartilemew biex tkun tista' tintuża d-dawl mill-iskola.

**20/06/03** Ġiet innutata laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki fis-6 u 7 ta' Mejju 2016.

**20/06/04** Ġiet innutata Ċirkolari 18/2016 rigward Twinning of Cities.

**20/06/05** Kien hemm diskussjoni rigward numru ta' lmenti minn resident. Ġie deċiż li dawn l-ilmenti jiġu riferuti lir-Regional Enforcement Officer meta jkun hemm każijiet ta' parkeġġ illegali halli jintbaghatu l-Gwardjani Lokali.

**20/06/06** Ġiet innutata korispondenza fuq l-European Youth Event li ser jattendi ghaliha is-Sindku Giljan Aquilina. Il-Kunsill approva li jhallas parti mill-ispejjez.

**20/06/07** Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA.

**20/06/08** Il-Kunsill innota l-approvazzjoni ta' 2000 Ewro għall-attività kulturali, Il-Għargħur mal-Medda taż-żmien. Għandha ssir preżentatzzjoni bil-powerpoint għal din. Aktar dettalji jinghataw fil-laqghat li gejjin.

**20/06/09** Kien hemm diskussjoni dwar ittra mill-KNPD rigward parapett li qed timblokka bankina fi Triq Fra Dumink Mifsud. Intbagħtet risposta li din it-triq hija dead end u l-bankina ma twassal imkien.

**20/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**20/07/01** Is-Sur Giljan Aquilna tkellem fuq:

**07/01/0 1** Il-laqgħa li attenda f'Saint James Cavalier dwar fondi Tal-EU.

**07/01/02** Ippreżenta l-accounts tar-Reġjun għas-sena 2015. Hu talab il-lista tal-aged debtrors.

**07/01/03** Ir-Reġjun ingħata 10,000 Ewro għall-attivitajiet organizzati mill-kunsilli membri. Għad m'hemmx formula kif dawn il-fondi ser jitqassmu u l-Ministru issuġġerixxa li ghandu jintlahaq ftehim kif ser jintużaw dawn il-fondi.

**07/01/0 4** Saret laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi dwar it-trasport pubbliku. Gejna imweghda li għandu jitjieb is-servizz għaż-żona ta' Xwieki u titjieb fir-rotot l-ohra li jaqdu l-Gharghur.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**07/01/05** Gie inutat li sar kif pjanat it-transport ghal-mixja ta' Puttinu u attendew numru sabih ta' nies.

**20/07/02** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li jsiru tabelli Stop fi Triq Excelcior, Stop fi Triq Emmanuel Perren, u 2 No Entry (kbar) fi Triq l-Oratorju. Kien hemm qbil. Kien hemm qbil ukoll li tinbidel mera fi Triq il-Ġnien kantuniera ma' Triq Għaxqet l-Għajn. Gie deċiż ukoll li mal-concrete bollards ta Triq Ghaxqet l-Ghajn jitwahhlu tabella reflective bhat-tabella li twahhlet fi Triq San Gwann. Rigward it-tabella No right turn ta' Sqaq il-Hofra gie deċiż li nsaqsu lir-residenti jekk iridx li din tehel mal-bini tieghu u jekk ma jkunx irid titwahhal fuq arblu.

**20/07/03** Rigward it-tiswija tal-hajt tas-sejjieh fi Triq Mons L Catania, l-Agent S.E. qal li ipprova iċempel lil persuna li waqqghet il-hajt imma ma irnexxielux ikellimha. Gie deċiż li tintbaghat ittra ghaliex din l-issue issa ilha pendenti diversi xhur.

**20/08** **Aġġornament**

**20/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 13 ta' April 2016 fis-6.00 p.m.

**Giljan Aquilina** — **Sindku**

**Kurt Guillaumier** — **Aġent Segretarju Eżekuttiv**